## GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

### SEDUTA TA’ NHAR IT-TLIETA, 16 TA' JANNAR, 2001

*Avviz. Nru 1608/00 AJD*

Pauline Cilia

vs

Simon Camilleri u martu Christine Camilleri

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Settembru, 2000, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-attrici s-somma ta' mija u sebgha u disghin liri Maltin u tnejn u hamsin centezmi (Lm197.52) rapprezentanti sitt kambjali ta' tnejn u tletin lira Maltin u tnejn u disghin centezmi (Lm32.92) il-wahda (Dok. A-F) li skadew kull xahar bejn is-17 ta' Frar, 1999, u s-17 ta' Lulju, 1999, u li gew girati fuq isem l-attrici mill-Blye Engineering Co. Ltd. (ta' Naxxar Road, San Gwann).
Bl-ispejjes, inkluzi l-imghax legali mid-data ta' kull skadenza tal-kambjali, kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati, baqghu ma deherux u lanqas ma prezentaw risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Louis Vella, in rappresentanza tal-attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut lill-attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallas lill-attrici s-somma ta' mija u sebgha u disghin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm197.52) bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR